**Kunsill Lokali Ħal Balzan**

# Rapport Amministrattiv

# 2024

*Imħejji minn Doriette Farrugia, Segretarju Eżekuttiv*

## Werrej

| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **L-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** | **8** |
| **Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera** | **11** |

## INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru 2024 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan matul is-sena. Is-sena 2024, temmet id-disa' leġislatura li l-bidu tagħha kien proprju fl-1 ta' Lulju 2019. Fl-1 ta' Lulju 2024, ingħata bidu għall-għaxar leġislatura li fiha hemm bidla f'żewġ Kunsilliera mil-leġislatura preċedenti.

## 2.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera.

Bejn Jannar u Ġunju 2024, il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| Dr Angelo Micallef | Sindku |
| Mary Louise Briffa | Viċi Sindku |
| Stephen Gatt | Kunsillier |
| Andrè Grech | Kunsillier |
| Dr Oliver Nicholas De Gaetano | Kunsillier |

Bejn Lulju u Diċembru 2024, il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| Dr Angelo Micallef | Sindku |
| Edward Grech | Viċi Sindku |
| Annalise Galea | Kunsillier |
| Mary Louise Briffa | Kunsillier |
| Dr Oliver Nicholas De Gaetano | Kunsillier |

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2024 u t-30 ta' Ġunju 2024 inżammu seba' (7) laqgħat tal-Kunsill u laqgħa tal-lokalità, u l-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 73 - 79 u Laqgħa tal-Lokalità Nru. 8** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dr Angelo Micallef | 8 | - | - | 100 |
| 2 | Mary Louise Briffa | 8 | - | - | 100 |
| 3 | Stephen Gatt | 8 | - | - | 100 |
| 4 | Andrè Grech | 6 | 1 | 1 | 75 |
| 5 | Dr Oliver Nicholas De Gaetano | 8 | - | - | 100 |

Bejn l-1 ta' Lulju 2024 u l-31 ta' Diċembru 2024 inżammu seba' (7) laqgħat tal-Kunsill u laqgħa tal-lokalità, u l-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 1 – 7 u Laqgħa tal-Lokalità Nru. 1** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dr Angelo Micallef | 8 | - | - | 100 |
| 2 | Edward Grech | 8 | - | - | 100 |
| 3 | Annalise Galea | 7 | 1 | - | 88 |
| 4 | Mary Louise Briffa | 8 | - | - | 100 |
| 5 | Dr Oliver Nicholas De Gaetano | 8 | - | - | 100 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' impjegati oħra. Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Doriette Farrugia | Segretarju Eżekuttiv |
| Mariella Casha | Assistent Prinċipal |
| Sonia Ellul | Skrivana |
| Caroline Galea | Skrivana |

Matul is-sena, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati:

| | |
|---|---|
| Martin Fenech | RSSL |
| Anthony Dimech | Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF) |

li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità.

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll l-għajnuna ta' dawn l-esperti:

| | |
|---|---|
| L-Avukat Chris Vella | Servizz Legali lill-Kunsill |
| Il-Perit Anthony Bezzina | Servizz ta' Perit |
| Is-Sur Mark Debono | Servizz ta' *Accountant* |

biex jgħinu lill-Amministrazzjoni fix-xogħol tagħha u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Ir-responsabbiltajiet li ġew assenjati lill-Kunsilliera huma kif ġej :

**Is-Sindku Dr Angelo Micallef**
Proġetti, l-Infrastruttura, l-Edukazzjoni u Attivitajiet Annwali

**Il-Viċi Sindku Edward Grech**
L-Ambjent, iż-Żgħażagħ u Tfal u l-Kultura

**Il-Kunsillier Annalise Galea**
Fondi tal-Unjoni Ewropea, il-Qasam Soċjali, il-Komunitajiet u l-Indafa

**Il-Kunsillier Mary Louise Briffa**
L-Anzjani, l-Innovazzjoni u l-Kunsill tat-Tfal

**Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano**
Il-Ħarsien tal-Annimali, *Sports* u Attivitajiet Fiżiċi u l-Integrazzjoni Soċjali

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

Dawn huma l-bilanċi bankarji tal-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2024:

| | |
|---|---|
| BOV Current Account | €526,222.24 |
| BOV Savings Account (LC Other Entities) | €341.24 |
| BOV Savings Account ( Local Enforcement System) | €20,135.55 |
| **Total** | **€546,699.03** |

Mit-total irid jitnaqqas l-ammont ta' €511.53 f'ċekkijiet li sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu għadhom mhux imsarrfa.

## 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart imħallat, organiku, riċiklabbli u ħġieġ**
Mis-sena 2023, dan is-servizz għaddha taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun Tramuntana.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Dan is-servizz jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntattja l-Kunsill biex jagħmel appuntament. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas.

***Roadshow Campaign***
Matul din is-sena, WasteServ kompliet b'din il-kampanja fejn darba fix-xahar, promoturi tal-immaniġġjar tal-iskart jakkumpanjaw trakk speċjalizzat f'kull lokalità. L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li jinħoloq għarfien dwar l-immaniġġjar tal-iskart biex jiżdied is-separazzjoni tal-iskart. It-trakk jaċċetta diversi affarijiet, fosthom li ma jmorrux fil-borża tal-iskart riċiklabbli bħal jablo, żejt tat-tisjir, bozoz u tessuti fost oħrajn.

Fil-każ ta' Ħal Balzan, it-trakk ikun fil-pjazza, fit-tielet Ħamis tax-xahar filgħodu.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalità tinżamm fi stat nadif. Kull triq fil-lokal tinkines darbtejn fil-ġimgħa. Ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun ta' spiss.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**
Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Sar ukoll manutenzjoni tal-bankini fejn kien meħtieġ.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**
Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-*Handyman* li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq.

**Ħarġiet organizzati mis-Sotto-Kumitat għall-Anzjani**

Matul din is-sena, ġew organizzati 10 ħarġiet. Fosthom, *weekend* Ruma, u żewġ *weekends* f'Għawdex. Dawn il-ħarġiet huma ssussidjati mill-Kunsill.

**Bankini ġodda fi Triq iz-Zekkuk**
Matul din is-sena, inqalgħu u ġew mibnija mill-ġdid il-bankini ta' Triq iz-Zekkuk. Parti kbira mill-ispiża ġiet iffinanzjata mil-LESA permezz ta' Skema Finanzjarja 'Proġetti fil-Komunitajiet'.

**Tisbiħ f'Wesgħa Ġiġi Gauci**
Matul is-sena sar xogħol ta' tisbiħ f'Wesgħa Ġiġi Gauci. Dan ix-xogħol sar wara li ġiet approvata l-applikazzjoni tal-Kunsill għal Skema SPI/SCI/01/2024 – Servizz ta' xogħlijiet għal Żvilupp ta' *Community Gardens* fil-lokalijiet. F'dan il-proġett, il-Kunsill iffinanzja l-materjal, u d-DGL ipprovda l-ħaddiema biex isir ix-xogħol neċessarju.

**Servizz ta' Shuttle għall-anzjani**
Din is-sena, inxtrat vettura elettrika u l-Kunsill qed joffri s-servizz ta' *Shuttle* għall-anzjani. Dan is-servizz jingħata mingħajr ħlas, fejn ir-resident għandu jċempel biex jibbukkja s-servizz.

**Serata Soċjo-Kulturali – Jum San Valentinu**
Din is-sena ġiet organizzata serata soċjo-kulturali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Valentinu. L-attività saret il-Ħadd, 18 ta' Frar 2024, fis-Sala Aurora. Parti mill-ispiża għal din l-attività ġiet iffinanzjata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**Jum Ħal Balzan**
Għall-ewwel darba, din is-sena Jum Ħal Balzan, ġie ċċelebrat fuq jumejn. Is-Sibt 26 u l-Ħadd 27 ta' Ottubru 2024.

Is-serata tas-Sibt kienet tikkonsisti f'kunċert bis-sehem tal-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata u Kurt Calleja.

Il-Ħadd, saret Quddies ta' Ringrazzjament, marċ żgħir bis-sehem tal-Każin tal-Banda San Gabriel u l-preżentazzjoni tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan.

Il-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan din is-sena ingħata lill-
- Cecilia Abela u lill-Alan Deguara fil-katergorija Lokali;
- Imħallef Emeritu Dott. Michael Mallia fil-kategorija Nazzjonali;
- Prof. John Anthony Berry Wellman fil-kategorija Internazzjonali ; u
- Andrè Grech bħala eks-Kunsillier.

Din is-sena ġie mgħoti wkoll Rikonoxximent lill-Stephen Gatt, Luigi Grech, George Mifsud u Fr Noel Borg.

L-attivitajiet ta' Jum Ħal Balzan ġew iffinanzjati mir-Reġjun Tramuntana.

**Attivitajiet għal żmien il-Milied**
Bħas-snin ta' qabel, din is-sena il-Kunsill reġa' ħaseb biex fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, jiżżejnu u jinxtegħlu numru ta' toroq b'dawl dekorattiv. Parti mill-ispiża ġiet iffinanzjata mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, permezz ta' Skema biex jiġu rifonduti spejjeż relatati ma' tiżjin tat-toroq għal żmien il-Milied.

Fit-22 ta' Diċembru 2024, ġiet organizzata attività fil-*playing field* b'għajnuna finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana.

Din is-sena, il-Kunsill reġa' qassam 165 poinsettia b'xejn bħala ġest żgħir għal Milied. Residenti setgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità u kienu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served*.

**Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana**
Matul din is-sena, il-Kunsill ibbenefika minn numru ta' Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana. Dawn jinkludu :

- *Cultural & Arts Fund Scheme*
  Il-Kunsill se jibbenefika mis-somma ta' €20,000 sabiex jiġu ffinanzjati attivitajiet relatati mal-Kultura u l-Arti.

- *Libraries Scheme*
  Permezz ta' din l-iskema bbenefikaw l-iskola Primarja Lija / Balzan / Iklin u l-iskola Primarja San Alwiġi, fejn ingħataw is-somma ta' €1,000 (kull skola) biex jinxtraw kotba għal-librerija tal-iskola.

- Assistenza għall-*NGOs*
  Permezz ta' din l-iskema bbenefikaw il-Każin tal-Banda San Gabriel (fejn ingħataw is-somma ta' €1,500 biex tittella' attività) u l-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata (fejn ingħataw is-somma ta' €1,500 biex jinxtraw siġġijiet).

**Skemi maħruġa minn entitajiet diversi**
Matul din is-sena, il-Kunsill applika għal numru ta' Skemi maħruġa minn entitajiet diversi. Dawn jinkludu:

- SPI/SCI/01/2024 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025
  Il-Kunsill applika u ibbenefika minn din l-iskema fejn ġie rrestawrat is-Salib tad-Dejma li hemm fi Triq l-Imdina.

- SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025
  Il-Kunsill applika u ser ikun qed jibbenefika mis-somma ta' €4,950.39 biex tiġi organizzata l-attività Jum San Valentinu 2025.

- Tiżjin tal-Milied fil-Lokalità 2024/2025 - MTA
  Il-Kunsill applika u ser jibbenefika mis-somma ta' €3,000 sabiex tiġi ffinanzjata parti mill-ispejjeż relatati mat-tiżjin ta' diversi toroq bi dwal tal-Milied. L-ispiża totali ta' dan il-proġett tammonta €5,840.00.

## 3.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u tliet Kunsilliera.

- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsilliera bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma

tagħhom għal-lokalità, u minn hemm is-Segretarju Eżekuttiv bħala l-Amministrattur, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali m'hu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalità.

## 3.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

**L-Uffiċċju Amministrattiv**

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, ir-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali, permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li jinħarġu minn żmien għal żmien, li jara lid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

**Impjegati tal-Kunsill**

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibbli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Balzan, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol, li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbiltà kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali Ħal Balzan qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.5 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għas-sena 2024. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku, Dr Angelo Micallef, tas-sapport u l-impenn sħiħ tiegħu u lill-Kunsilliera tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut lejn ir-residenti u l-lokalità. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**IFFIRMAT**

______________________________

Doriette Farrugia
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DĦUL U L-INFIQ

| | 2023 | 2024 |
|---|---|---|
| **Id-Dħul** | **€** | **€** |
| Mill-Gvern | 405,551 | **382,983** |
| Minn Kontravenzjonijiet | 2,824 | **1,847** |
| Ġenerali | 30,556 | **46,044** |
| Dħul Finanzjarju | 12 | **12** |
| **Total** | 438,943 | **430,886** |
| **L-Infiq** | | |
| Salarji | (122,310) | **(139,426)** |
| *Operations and Maintenance* | (150,016) | **(146,564)** |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | (140,889) | **(166,313)** |
| **Total** | (413,215) | **(452,303)** |
| **Bilanċ / (Defiċit)** | 25,728 | **(21,417)** |

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DĦUL FID-DETTALL

| | 2023 | 2024 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **Dħul mill-Gvern** | | |
| Allokazzjoni Annwali | 326,838 | **392,654** |
| Dħul ieħor mill-Gvern | 74,966 | **(9,671)** |
| Dħul ieħor Supplimentari | 3,747 | **0** |
| | 405,551 | **382,983** |
| **Dħul minn Kontravenzjonijiet** | | |
| Dħul minn *LES administration fees* | 1,559 | **1,639** |
| Dħul minn kontravenzjonijiet | 1,265 | **208** |
| | 2,824 | **1,847** |
| **Dħul Ġenerali** | | |
| Permessi | 30,551 | **42,035** |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | 5 | **4,009** |
| | 30,556 | **46,044** |
| **Dħul Finanazjarju** | 12 | **12** |
| **Dħul Totali** | 438,943 | **430,886** |

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| <u>**Salarji**</u> | 2023 | 2024 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Onorarja tas-Sindku | 11,079 | **11,330** |
| Salarju tas-Segretarju Eżekuttiv | 42,908 | **66,220** |
| Salarji tal-Impjegati | 48,171 | **40,118** |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 7,152 | **8,758** |
| *Allowances* tal-Kunsilliera | 13,000 | **13,000** |
| | 122,310 | **139,426** |
| <u>***Operations and Maintenance***</u> | | |
| **Tiswijiet u Manutenzjoni:** | | |
| Sinjali u Tabelli tat-Traffiku | 2,054 | **4,690** |
| *Public Property* | 25,585 | **4,318** |
| Marki tat-Traffiku | 1,726 | **530** |
| Tiswijiet u Manutenzjoni Oħra | 1,716 | **874** |
| | 31,081 | **10,412** |

| | | |
|---|---|---|
| **Spejjeż ta' Kuntratti:** | | |
| Ġbir ta' Skart | 52,597 | **68,841** |
| Ġbir ta' Skart Goff | 6,419 | **4,973** |
| Knis u Tindif ta' Toroq | 37,482 | **37,531** |
| Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika | 1,534 | **-** |
| Tindif u Manutenzjoni tal-*Parks & Gardens* | 5,170 | **6,595** |
| Tiswijiet u Manutenzjoni tad-dawl tat-toroq | 12,604 | **14,343** |
| Oħrajn | 3,129 | **3,869** |
| | 118,935 | **136,152** |
| | | |
| | 150,016 | **146,564** |
| | | |
| **Amministrazzjoni u Spejjeż Oħra** | | |
| Dawl, ilma, telefon, internet, etc | 4,511 | **7,203** |
| Xiri ta' materjal (*Materials & Supplies*) | 3,553 | **2,628** |
| Kera | 2,150 | **2,300** |
| *Lease Interest* | 2,861 | **2,439** |
| *Memberships* | 1,165 | **-** |
| Spejjeż tal-uffiċċju | 6,059 | **5,657** |
| Trasport | 1,542 | **2,562** |
| Vjaġġar | - | **1,636** |
| Informazzjoni lill-Pubbliku | 782 | **375** |
| Servizzi Professjonali | 41,627 | **62,657** |
| Servizzi lill-Komunità u Attivitajiet | 25,239 | **39,030** |
| *Local Enforcement Expenses* | 1,716 | **69** |
| Spejjeż oħra varji | 1,525 | **-** |
| *Assets written-off* | - | **-** |
| *Depreciation* | 48,159 | **39,757** |
| | 140,889 | **166,313** |
| | | |
| **Infiq Totali** | 413,215 | **452,303** |

# Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera minn Jannar sa Diċembru 2024

## Is-Sindku Dott Angelo Micallef

Responsabbli mill-Proġetti, l-Infrastruttura, l-Edukazzjoni u Attivitajiet Annwali

Is-sena 2024 kienet sena li fiha ġiet fi tmiema leġislatura u ċioe' id-disa' leġislatura. B'hekk kienet ukoll sena elettorali fejn f'Ġunju ġie elett Kunsill ġdid. Irrid nieħu din l-opportunita' biex nsellem u nirringrazzja lil Stephen Gatt u Andrè' Grech li servew fid-disa' leġislatura, li fiha jien għal madwar tlett snin servejt bħala Sindku. Issa li bdiet leġislatura ġdida u ċioe' l-għaxar leġislatura naturalment tibda l-ħidma fuq il-programm il-ġdid tal-Kunsill Lokali.

**Reġjun Tramuntana**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan jifforma parti mir-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsill Reġjonali jkollu mill-inqas laqgħa darba fix-xahar; laqgħa li jien nattendi f'isem Ħal Balzan. Matul dawn il-laqgħat jiġu diskussi temi varji li jirrigwardaw il-ħidma tar-Reġjun. Din il-ħidma tinkludi implimentazzjoni ta' proġetti mir-Reġjun, skemi ta' fondi maħruġa mir-Reġjun għall-Kunsilli rispettivi u skemi ta' natura nazzjonali li għalihom ir-reġjun japplika sabiex jieħu sehem. Irrid nrodd ħajr lill-President Clifford Galea Vella li f'Awwissu li għaddha għoġbu jaħtarni Viċi President ta' l-istess reġjun. Kienet turija ta' fiduċja li napprezza ħafna.

Grazzi wkoll lir-reġjun għal fondi miksuba matul is-sena 2024 li bihom stajna ngħinu lill-Kulleġġ San Alwiġi u lill-iskola Primarja tal-gvern isaħħu l-librerija tagħhom u stajna ngħinu wkoll lill-każini tal-banda fi proġetti kulturali rispettivi li huma kellhom.

**Xogħol Infrastrutturali**

Matul l-2024 il-Kunsill Lokali kien impenjat b'xogħol ta' koordinament ma' Infrastructure Malta hekk kif din wettqet bini mill-ġdid ta' numru ta' toroq madwar ir-raħal. Il-ħidma ta' Infrastructure Malta rat Triq San Franġisk, Triq Triq Ġulju Cauchi, Triq Idmejda u Triq il-Kardinal Cardijn isiru mill-ġdid. Il-ħidma ta' Infrastructure Malta nkludiet ukoll il-proġett tal-wesgħa li hemm biswit Triq San Franġisk u Triq Qarċilla. L-istess Infrastructure Malta, b'koordinament mal-Kunsill Lokali għamlet *resurfacing* ta' Triq Birbal. Fuq ix-xogħol ta' Infrastructure Malta għad hemm xi punti pendenti li ninstabu ħerqana li jiġu riżolti llum qabel għada.

Is-sena 2024 kienet ukoll dominata min xogħol infrastrutturali li sar mill-Water Services Corporation u l-Enemalta plc fi Triq it-Tlett Knejjes, Triq Balaguer, Triq l-Annunzjata, Triq Mons F X Zahra u biċċa żgħira min Triq Sigismondo Dimech. Hawnhekk il-Kunsill iffaċċja bosta diffikultajiet kbar u dan hekk kif ma kienx qiegħed jinżamm aġġornat kif meħtieġ; kien hemm dewmien eċċessiv ħafna fejn tidħol it-tkomplija ta' dan ix-xogħol u kien hemm numru konsiderevoli ta' problemi maħluqa għar-residenti. Il-Kunsill sa mill-ewwel ġurnata nsista li ġa la darba jitlesta' x-xogħol irid isir pavimentar ġdid mhux biss fuq it-trinek imma fuq il-wisgħa sħiħa tat-triq. Matul dawn ix-xhur il-Kunsill kellu numru ta' laqgħat on site ma' l-uffiċċjali konċernati u anke laqgħa mas-CEO tal-Water Services Corporation bi l-għan li jiġu riżolti l-*issues* pendenti. Hija t-tama tal-Kunsill li f'ħidma futura ma jkunx hemm il-ħtieġa li nirrikorru anke għal stqarrijiet fuq il-media u numru mdaqqas ta' emails lil bosta uffiċjali għolja.

Grazzi għal fondi miksuba mill-LESA matul din is-sena saret ukoll bankina ġdida fi Triq iz-Zekkuk. Il-Kunsill issa beda ħidma sabiex isir *resurfacing* fi Triq Santa Marija. Għadu għaddej kuntatt ma' Infrastructure Malta dwar il-pjanijiet għal Triq il-Kbira.

B'ħidma miksuba mingħand il-gvern ċentrali wara applikazzjoni mill-Kunsill Lokali sar xogħol ta' renovazzjoni ta' Wesgħa Ġiġi Gauci. Hawnhekk sar passaġġ ġdid, tqegħid ta' ħamrija ġdida u fil-ġimgħat li ġejjien ser isir tħawwiel ta' pjanti ġodda sabiex din il-wesgħa tkompli titħaddar.

Il-Kunsill Lokali qiegħed ukoll f'ħidma sabiex jinkisbu l-fondi u permessi meħtieġa sabiex isir ġnien ġdid f'Wesgħa Ġużè' Aquilina. Ġnien li jipprovdi pulmun ġdid lir-raħal filwaqt li ssir organizazzjoni mill-ġdid tal-parkeġġ sabiex isir l-aħjar użu ta' l-ispazzju f'termini ta' parkeġġ.

**Xogħol ta' restawr**
Il-Kunsill Lokali applika mal-gvern ċentrali b'suċċess sabiex dan jagħmel ħidma ta' restawr fuq il-kurċifiss storiku li hemm biswit l-akwadotti. Kurċifiss b'valur storiku kbir u li kien fi stat ta' delapidazzjoni totali li issa permezz tar-restawr ingħata ħajja ġdida u ġie priservat għal ġenerazzjonijiet futuri.

Il-Kunsill beda wkoll kuntatt mal-kumpanija GO sabiex jingħata l-amministrazzjoni tal-kaxxa tat-telephone li hemm fil-pjazza. Hija l-intenzjoni tal-Kunsill li jekk jingħata l-amministrazzjoni tal-kaxxa din tiġi restawrata u konvertita f'speċi ta' greenhouse għal pjanti.

**Indafa**
Irrid hawn inrodd ħajr lil Stephen Gatt li mexxa dan id-dekasteru bejn Jannar u Ġunju u lil Annalise Galea li qegħda tmexxi dan id-dekasteru issa. Il-ħidma hawn ma waqfitx. Saru numru ta' laqgħat mal-Kuntrattur tal-knis fejn ġew implimentati numru ta' miżuri fosthom GPS Trackers sabiex ikun hemm kontabilita' akbar fejn jidħol il-knis fir-raħal. Stabbilejna relazzjoni b'saħħitha ma' Clean Malta inkluż b'laqgħa ma' l-Onorevoli Glenn Bedingfield sabiex tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-Kunsill u Clean Malta li bil-ħidma tagħhom qegħdin jgħinu mhux ftit fiż-żamma ta' stat aħjar ta' indafa. Naturalment fadal ħafna x'jsir u din il-ħidma ser tkompli qatiegħ.

Matul is-sena 2024 beda wkoll proġett ta' instalazzjoni ta' *rat traps* madwar ir-raħal bi l-għan li dawn jgħinu sabiex tonqos il-presenza ta' ġrieden u fieren fir-raħal. Ġie mqiegħed ukoll velenu apposta fil-*gutters* li jgħin igerrex il-firien u ġrieden.

**Attivitajiet**
Il-Kunsill Lokali għamel numru ta' attivitajiet matul is-sena 2024. Hawn irrid nirringrazzja b'mod partikolari lil Mary Louise Briffa li dejjem toffri kotribut enormi. Sar Jum San Valentinu fi Frar fis-Sala Aurora fejn hemm is-sehem ukoll taż-żewġ baned tar-raħal. Sar ukoll mill-ġdid Jum Ħal Balzan li din is-sena kien maqsum fuq jumejn. Hawn nrodd ħajr ukoll lil Viċi Sindku Edward Grech ta' bosta ideat utli. Saret l-attivita' tal-Milied fi Ġnien Joseph A. Stellini fejn din is-sena il-Christmas Market kien jinkludi madwar 15 il-stall. Saret ukoll mixgħela fuq iż-żuntier tal-Knisja fil-Ġimgħa Mqaddsa liema attivita' saret b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Żgħażagħ Balzan.

Il-Kunsilliera Mary Louise Briffa kompliet bil-ħarġa tax-xahar liema ħarġiet inkludew ukoll weekend break f'Għawdex u anke żjara fil-belt kapitali Taljana ta' Ruma.

**Servizz ta' trasport**
Il-Kunsill Lokali kiseb fondi mill-gvern ċentrali sabiex xtara karozza elettrika li permezz tagħha beda joffri servizz tat-trasport matul il-jum għall-anzjani bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa għall-isptar Mater Dei, l-isptar Karen Grech, iċ-ċentru ċiviku ta' Birkirkara, il-berġa ta' Ħ'Attard u l-fergħat tal-Bank of Valletta u HSBC f'Birkirkara.

***European Waste Reduction Week***
F'Novembru l-Kunsill reġa ħa sehem fil-European Waste Reduction Week u dan billi qassam fost ir-residenti *reusable tote bags* li jinkludi pariri utli ta' kif wieħed jevita' l-ħela ta' l-ikel.

**Milied**
Għal Milied apparti l-attivita', sar ukoll it-tiżjin ta' bosta toroq madwar ir-raħal u kif ilu jiġri żmien tqassmu numru ta' ponzjetti mill-uffiċċju tal-Kunsill.

**Laqgħat**
Matul is-sena saru numru ta' laqgħat ma' entitajiet differenti fosthom Infrastructure Malta, Water Services Corporation, Clean Malta, l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli u laqgħa ta' kull xahar mat-Team Manager tal-Community Police li għalihom jiena attendejt fil-vesti tiegħi ta' Sindku. Saru wkoll laqgħat ta' koordinament interni fosthom mal-Contracts Manager tal-Kunsill.

Irrid minn hawn inrodd ħajr lil sħabi l-Kunsilliera, Edward Grech, Oliver De Gaetano, Annalise Galea u Mary Louise Briffa li kollha kienu ta' kontribut siewi. Grazzi wkoll kbira lis-Segretarju Eżekuttiv Doriette Farrugia u lill-istaff kollu tal-Kunsill.

**Il-Viċi Sindku Edward Grech**
Responsabbli mill-Ambjent, iż-Żgħażagħ u Tfal, u l-Kultura

Nibda billi inrodd ħajr lir-residenti Balzanin li afdawni f'din ir-responsabbiltà. Kienu sitt xhur impenjattivi f'kull qasam tal-Kunsill Lokali. Flimkien mas-Sindku u l-Kunsilliera u l-kollegi dejjem ħdimna flimkien għal ġid tal-komunità Balzanija.

Fejn jidħol il-qasam tal-ambjent, sar ħafna xogħol fiż-żamma tal-ispazji ħodor żgħar li għandna madwar ir-raħal speċjalment tal-bandli ta' wara l-knisja, ta' Wegħsa Ġiġi Gauci, u ta' Triq l-Imdina fejn ħafna Balzanin jgħaddu minn dawn l-inħawi biex igawdu dawn l-ispazji waqt l-attivitajiet ta' kuljum. Tajjeb insemmu wkoll ix-xogħol li qed isir biex inħolqu u jinħolqu spazji ħodor ġodda fil-lokalità tagħna. Bħal dawn insemmu dik ta' Triq il-Qarċilla li saret mal-manutenzjoni tat-triq u proġett li qed isir studju fuqu fi Triq il-Wied. Ma nistax ma nsemmux il-proġett li qed nittamaw li jkollna risposta pożittiva għalih min-naħa ta' Project Green fuq il-Wegħsa Profs. Ġużè Aquilina biex tiġi żviluppata f'park miftuħ. Inħarsu wkoll il'quddiem għar-rinovazzjoni tal-ġonna ta' Sant'Anton li jagħmlu wkoll parti mil-lokalità tagħna.

Ħal Balzan mogħni b'ħafna nies li kapaċi jagħmlu l-komunità isbaħ bit-talenti tagħhom. Dawn it-talenti jiġu riflessi waqt l-attivitajiet li jsiru matul is-sena b'mod ewlieni il-festa titulari tar-raħal tagħna li hija l-ikbar ċelebrazzjoni ta' kultura. Kif ukoll Jum Ħal Balzan, il-festi tal-Milied u anke il-festa ta' San Valentinu. Fortunatament qed naraw li ż-żgħażagħ għadhom parti importanti f'dawn l-attivitajiet kemm fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ kif ukoll fil-każini tal-banda. L-involviment tat-tfal u ż-żgħażagħ ikompli jagħti spinta l'quddiem lit-tradizzjonijiet kulturali li nsibu fir-raħal tagħna. Għalhekk tajjeb li inkomplu nedukaw bħala Kunsill Lokali l-importanza tad-drawwiet kulturali mal-ġenerazzjoni futura.

Minn qalbi nawgura iktar ħidma fil-Kunsill Lokali lill-kollegi tiegħi sabiex Ħal Balzan jibqa' jkun raħal li tassew kull min jagħmel parti minnhu, verament ikun kburi li Balzani.

## Il-Kunsillier Annalise Galea

Responsabbli mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea, il-Qasam Soċjali, Komunitajiet u l-Indafa

### Indafa

L-INDAFA għandha dejjem tkun mogħtija prijorità. Huwa fl-obbligu tal-Kunsill Lokali sabiex il-lokalità tinżamm nadifa u għandu jsir kull sfroz sabiex it-tindif ikun ikkordinat bl-aħjar mod sabiex isir dejjem sfroz akbar fit-tindif. Kull ilment jew suġġeriment mir-residenti, għandu jintlaqa' u jingħata l-attenzjoni kollha possibbli sabiex ikunu indirizzati.

1.1 Matul il-perjodu li jkopri l-21 ta' Ġunju tal-2024 u l-21 ta' Diċembru tal-2024, l-indafa pubblika ingħata attenzjoni assoluta u prijorità kontinwa sabiex ikun assigurat li Ħal Balzan jingħata dehra aktar nadifa għall-benefiċċju tar-residenti Balzanin. Għalhekk, ġiet stabbilta relazzjoni kontinwa mal-operaturi tal-ġbir tal-iskart u l-operaturi tal-knis.

1.2 Tali ħidma hija responsabbiltà ta' kuljum. Din tkopri l-ġbir tal-iskart kuljum skont l-iskeda stabbilta (minn wara l-bibien tan-nies), il-knis skont l-iskeda stabbilita (liema skeda qed tkun monterata bi tracker li qed jintuża sabiex ikun segwit ix-xogħol), it-tindif tal-bring-in-sites u l-madwar (dan isir ukoll b'kollaborazzjoni ma' Clean Malta), iż-żamma u t-tindif tal-ġonna pubbliċi, it-tindif tal-gutters fit-toroq, il-privenzjoni għall-firxa tal-ġrieden (tqiegħdu għexieren ta' rat-tablets biex jilqgħu għall-ġrieden), it-tqassim ta' poop-bags lis-sidien tal-klieb, u appelli spissi u kontinwi fuq il-media soċjali b'mod partikolari l-paġni frekwentati mill-Balzanin sabiex iż-żamma tal-lokal tibqa' mogħtija l-attenzjoni.

1.3 Matul l-istess perjodu saret laqgħa bejn is-Sindku d-Dottor Angelo Micallef, is-Sa Annalise Galea u l-Onorevoli Segretarju Parlamentari responsabbli mill-indafa pubblika sabiex jiġu diskussi l-possibbiltajiet ta' kollaborazzjoni fil-futur.

### Qasam Soċjali u Komunitajiet

IL-QASAM SOĊJALI u L-KOMUNITAJIET għandhom irwol importanti fil-ħidma ta' Kunsill Lokali u għalhekk is-sens ċiviku u soċjali jagħti dimensjoni ta' komunità. Il-ħidma favur it-tisħiħ tal-komunità għalhekk iġġib magħha involviment dirett fil-qasam soċjali.

2.1 Matul il-perjodu li jkopri l-21 ta' Ġunju tal-2024 u l-21 ta' Diċembru tal-2024, ġiet organizzata l-inizjattiva biex jinġabru l-bottijiet tal-ikel għall-Foodbank Foundation mill-komunità għall-Jum Internazzjonali tal-Ikel.

2.2 Qed isir ukoll tentattiv kontinwu sabiex ir-residenti jkunu mogħtija l-opportunitajiet kollha possibbli sabiex jikkommunikaw mal-Kunsill Lokali fuq il-medja soċjali, fl-istess waqt jingħataw tagħrif u informazzjoni oħra relatata mal-ħidma tal-Kunsill u dawk relatati mal-lokalità, fosthom infomrazzjoni dwar servizzi, spiżeriji, football u oħrajn.

#### Fondi tal-Unjoni Ewropea

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Kunsill Lokali hija dejjem ta' importanza fl-amministrazzjoni. Madankollu, il-fondi Ewropej joffru possibbiltajiet vasti u li għandhom ikunu kkunsidrati għall-governanza lokali.

3.1 Matul il-perjodu li jkopri l-21 ta' Ġunju tal-2024 u l-21 ta' Diċembru tal-2024, bdew jiġu esplorati diversi possibbiltajiet li minnhom il-Kunsill Lokali jista' jibbenifika fosthom dawk marbuta mal-aspett kulturali, tad-djalogu soċjali, tal-edukazzjoni u t-tagħlim, tal-ambjent, tal-infrastruttura, tal-anzjanità u taż-żgħażagħ. Fl-ewwel xhur tal-leġiżlatura ma saret ebda applikazzjoni għal fondi Ewropej.

## Il-Kunsillier Mary Louise Briffa

Viċi Sindku responsabbli mit-Tfal, Żgħażagħ, Anzjani u Edukazzjoni (Jannar – Ġunju 2024)
Kunsillier Responsabbli mill-Anzjani, l-Innovazzjoni u l-Kunsill tat-Tfal (Lulju – Diċembru 2024)

Nittama li kulħadd jinsab tajjeb. Bħal ma' wieħed jaf f'din is-sena kellna l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u jien grazzi għal Balzanin li reġaw tawni il-fiduċja tagħhom b'hekk erġajt ġejt eletta għal darba oħra bħala kunsilliera.

### Tfal

Fil-bidu tas-sena kont qiegħda nattendi korsijiet minħabba l-Kunsill tat-Tfal fejn imbagħad ftit wara l-elezzjoni kienu qalulna li aħna ġejna magħżula mal-ewwel ħamsa. Kien ta' pjaċir għalija u ta' sodisfazzjon għaliex ix-xogħol li konna għamilna ġie stmat.

Aħna niltaqaw darba fix-xahar fejn it-tfal jgħatu l-opinjonijiet tagħhom, nisimawhom u jaqsmu wkoll l-ideat tagħhom ħalli ir-raħal li għandna tant għal qalbna jiġi irranħat u msebbaħ.

Fost l-attivitajiet li tellajna għat-tfal, fis-sajf organizzajna ġranet fejn il-baħar fejn it-tfal ġew mal-membri tal-familja tagħhom għal ftit mistrieħ u divertiment. Attività oħra kienet dik tal-Milied ġol-bandli fejn il-bandli ġie dekorat b'tiżjin tal-Milied u ġiet organizzata attività għat-tfal. Naturalment, ma naqasx il-bejgħ ta' affarijiet u ikel tipiċi tal-Milied. Qassamna wkoll xi ħelu lil kull min attenda.

### Żgħażagħ

Din is-sena għal darba oħra erġajna iċċelebrajna il-festa ta' San Valentinu fejn iż-żgħażagħ ipparteċipaw ukoll. Huma ipparteċipaw ukoll f'Jum Ħal Balzan u fl-attivitajiet tal-Milied fejn kellhom l-opportunità jbiegħu xi ikel lil min attenda u b'hekk ikunu jistaw ikomplu jsaħħu l-għaqda tagħhom mil-profit li jkun fadlilhom.

### Anzjani

Wieħed mis-servizzi li tkompla fis-sena 2024 kien dak ta' 'Shuttle Service' mill-pjazza tar-raħal li jwassal lil-anzjani sal-Berġa tas-Saħħa ta' B'Kara, l-isptar Mater Dei u il-banek. Din is-sena ġiet mixtrija karozza tal-elettriku biex b'hekk inkunu nistaw intejbu is-servizzi billi minflok darba fil-ġimgħa, l-anzjani jkunu jistaw jgħamlu użu minn dan is-servizz kuljum.

Bi pjaċir ngħid li l-ħarġiet ta' kull xahar kull ma jmur qegħdin dejjem isiru iżjed popolari hekk kif l-attendenza tiżdied xahar wara xahar u dan huwa dovut għal-għażla tal-postijiet u l-prezzijiet raġonevoli. F'din is-sena minbarra l-ħarġiet mensili kelna ukoll żewġ 'weekend breaks' fil-gżira t'Għawdex. Wieħed fejn morna għal-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid il-Kbir u l-ieħor f'Novembru fejn żorna postijiet kulturali u storiċi f'Għawdex. Għamilna wkoll BBQ ġewwa Għawdex u anki għal-ewwel darba morna erbat'ijiem ġewwa Ruma fejn żorna diversi postijiet, inkluż il-Belt tal-Vatikan.

### Edukazzjoni

Il-ftuħ tal-librerija fil-kunsill ġiet milquha ħafna mir-residenti u qiegħda tintuża ferm. Infatti, hemm diskussjonijiet għaddejin biex it-'telephone box' li hemm fil-pjazza nagħmluha bil-kotba.

Finalment, dis-sena tellajna tlett attivitajiet. L-ewwel waħda kienet dik ta' San Valentinu fejn għamilna attività fil-ġurnata meta dan il-qaddis kienet tiġi iċċelebrata l-festa tiegħu f'Ħal Balzan fil-passat. F'din l-attività ħadu sehem diversi entitajiet u persuni. L-attività l-oħra kienet dik ta' Jum Ħal Balzan fejn tellajna kunċert bil-parteċipazzjoni tal-kantant Kurt Calleja u il-każini taż-żewġ baned Balzanin. Kif is-semma diġà kmieni f'dan ir-rapport, it-tielet attività kienet dik tal-Milied, organizzata speċjalment għat-tfal.

### Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lil-President u lir-Regjun Tramuntana għall-fondi u s-sapport li huma jgħatuna. Nirringrazzja wkoll lis-Sindku Dr Angelo Micallef, tal-appoġġ u l-fiduċja li juri fija, l-impjegati kollha tal-kunsill u lis-Sotto Kumitat tiegħi – Mary Rose Cutajar, Catherine Zerafa u Stephen Gatt, tal-għajnuna kontinwa tagħhom.